**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Settembru 2024**

**Rikors nru : 62/2024 AGV fl-ismijiet;**

**ABM**

**Vs**

**DBM nee' B**

**IL-QORTI;**

**RAT IR-RIKORS TA' ABM DATAT 8 TA' MEJJU 2024;**

Illi l-esponent ipprezentat proceduri gudizzjajri intizi sabiex tkun ippronunzjata dis-separazzjoni personali tal-partijiet, filwaqt li tigi itterminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, fost talbiet ohra.

Illi l-fatt li z-zwieg tfarrak irremedjabilment jaqblu dwaru sew l-attur rikorrenti, u kif ukoll il-konvenuta.

Illi l-partijiet ghandhom zewgt ulied, ossija J li ghandu ‘l fuq minn 23 sena, u L, li ghad ghandha 15-il sena.

Illi l-esponenti qed jikkontribwixxi b’ hinu ghat-trobbija tal-minuri, bint il-partijiet, u ukoll jikkontribwixxi finanzjarjament billi jissomnistra manteniment xieraq gha-trobbija taghha.

Illi min-naha l-ohra, il-partijiet ilhom mizewwgin mill-elfejn u tmintax u ghalhekk il-komunjoni, hija limitata ghal dak li l-partijiet akkumulaw tul il-ftit snin, ghad li ser jigi ppruvat li l-konvenuta rrendiet lilha nnfisha hatja ta’ adulterju u allura anka dak il-perjodu ghandu jigi ristrett.

Illi fi kwalunwke kaz, ser jirrizulta li l-attrici ghanadha dhul independnti mill-esponenti u ma ghandha bzonn ebda assistenza finanzjarja, salv ghal hlasijiet dovuti in konnessjoni ma’ manteniment u spejjez tal-minuri binthom.

Illi f’ tali cirkostanzi, il-partijiet ilhom jamministraw id-dhul taghhom b’ mod separat, ormai ghal diversi xhur jekk mhux snin u ma hemm ebda raguni ghalfejn il-komunjoni tal-akkwsisti, ghandha tkompli tissustissi bejn il-partijiet, prevja li jkomplu jigu onorati l-obbligi li ghandhom etrambi versu binthom.

Ghaldaqstnt, l-espomnent, ghar-ragunijiet premessi jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha tiddikjara:

1. It-terminazzjoni Immedjata tal-komunjoni tal-akkwisti ezsitenti bejn il-paritijiet.

2. illi regim applikabbli bejn i-partijiet, minn issa ‘ l quddiem ghandu jkun dak tas-separazzoni tal-assi.

SALV KULL PROVVEDIMENT IEHOR XIERAQ U OPPORTUN.

**Rat ir-risposta ta' DBM ,** ghar-rikors tal-attur tat-8 ta' Mejju 2024;

Tesponi bir-rispett:

1. Illi preliminajament, f' talba ghat-terminazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti, ma kien hemm bzonn li tittiehed l-oppoportunita', biex jintefa' tajn fuq l-intimata permezz ta' allegzzjonijiet ta' adulterj, specjalment, li kif ser jintwera fil-mori tal-kawza huwa propju l-attur li huwa hati ta' adultejru u dan ghal hafna snin.

2. Illi lanqas hu vera li l-intimata ilha tamministra d-dhul ghal diversi xhur jekk mhux snin, peress li l-attur lanqas biss ihalliha tohrog mid-dar, fil-fatt l-intimata bdiet tahdem f' Jannar 2024;

3. Illi bhalissa il-partijiet ghandhom ghalqa Marsaxlokk li qeghda fuq konvenju, li jiskadi fil 31 ta' Dicembru 2025, il-prezz finali taghha hu ta' 36,000 Euro u allura l-intimata qed tirriserva sehemha mil-qliegh ta' dal-

bejgh li hu ta' 18-il elf Ewro, liem sehem ghandu jigi mghoddi lill-intimata, mal-bejgh, irrispettivament tat-teminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

4. Illi madankollu, l-esponenti mhux qed toggezzjona ghat-terminazzjoni tal-akkwisti immedjata tal-komunjoni tal-akkwisti, ezistenti bejn il-partijiet, galadarba jigi ppreservat sehemha mill-bejgh tal-ghalqa, kif deskritt f'punt numru 3.

5. L-esponenti mhux qed toggezzjoni illi minn issa 'l quddiem ghandu japplika ir-regim tas-seperazzjoni tal-assi.

Salv eccezzjonijiet permissibbli bil-Ligi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-konvenuta intimata mhix qed topponi ghat-talba ghall-waqfien tal-komunjoni. Ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza. Tajjeb li jigi rimarkat illi f'dan l-istadju, il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-allegazzjonijiet maghmula miz-zewg nahat dwar tortijiet u htijiet fiz-zwieg, izda ser tillimita ruhha biss ghall-pronunzjament tal-waqfien tal-komunjoni. Kif kellha opportunita' ittenni f'diversi sentenzi, l-effett tal-waqfien tal-komunjoni huwa li mid-data tas-senteza 'il quddiem, il-partijiet jistghu jakkwistaw proprjeta' – sew mobbli kif ukoll immobbli – f'isimhom proprjo, minghajr din ma tidhol biex tifforma parti mill-komunjoni. Fl-istess waqt, dik il-proprjeta' li gia' kienet tifforma hekk parti mill-komunjoni, tibqa' kristallizzata sas-sentenza finali.

Illi ghalhekk, din is-sentenza mhix sejra taffettwa l-konsistenza tal-komunjoni presenti, izda sejra biss taghti s-sahha lill-partijiet jixtru proprjeta' f'isimhom. Dak li kien fil-komunjoni hekk ser jibqa' sakemm l-istess partijiet ma jiftehemhux mod iehor.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET TAR-RIKORRENTI.

1. Tordna t-terminazzjoni immedjata tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet.

2. Tordna illi r-regim applikabbli bejn il-partijiet, minn issa 'l quddiem, ghandu jkun dak tas-separazzjoni tal-assi.

Tawtorizza lir-rikorrenti jirregistra s-sentenza mad-Direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-Ligi.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**

**Onor Anthony G Vella**

**Cettina Gauci – DEP REG**